MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 358/2009

**Talba Nru: 358/2009VGD**

Victor u Carmen Borg.

Vs

Raymond Sammut u martu Caroline Sammut f'isimhom personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Meander Company Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi ppremettew illi huma soffrew danni fil-fond taghhom, Casa Borg, Triq in-Nutar Emm. Debono, Naxxar minhabba ingress ta' ilma fil-fond taghhom li gie mill-fond tal-girien u dan meta l-istess konvenuti kienu qedin iwettqu xogholijiet fil-fond taghhom. Illi l-hsarat ossia danni jammontaw ghal tmien

mija u sittin ewro (€860). Ghaldaqstant l-atturi qedin jitolbu li dan it-Tribunal jikkundanna l-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu s-somma ta' tmien mija u sittin ewro (€860) jew somma ohra li jillikwida dan it-Tribunal bl-ispejjes kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew (i) preliminarjament li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju illi l-konvenuti ma humiex responsabbli ghall-hsarat alllegatament sofferti mill-atturi; (iii) fit-tielet lok u ukoll minghajr pregudizzju, illi t-talba attrici hija ezagerata u trid tigi ppruvata kemm in kwantu responsabbilta' kif ukoll in kwantu ghal kwantum. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tad-29 ta' Ottubru 2009, fejn il-konvenuti irtiraw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnhom.

Sema' x-xhieda tal-Perit Michael Falzon prodott mill-atturi.

Sema' x-xhieda tal-attrici Carmen Borg.

Sema' x-xhieda tal-attur Victor Borg.

Ra l-affidavit tal-konvenuta Caroline Sammut.

Ra l-affidavit tal-konvenut Raymond Sammut

Sema' x-xhieda ta' Carmen Borg prodotta mill-konvenuti sabiex tixhed in kontro ezami.

Sema' t-trattazzjoni finali ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti kollha.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

**Ikkunsidra.**

Illi l-mertu tal-kawza odjerna jikkoncerna talba ghal hlas ta’ danni li skond l-atturi gew ikkawzati fil-proprjeta’ taghhom minhabba ingress ta’ ilma xita, liema ilma allegatament ikkawza danni fis-suffett u fis-sistema tal-elettriku.

Illi l-Perit Michael Falzon prodott mill-atturi spjega b’mod car li huwa kien gie inkarigat sabiex jaghmel spezzjoni fil-fond tal-atturi wara li huma kienu ilmentaw li kien dahlilhom l-ilma wara xi maltempata xita fl-10 ta’ Novembru tas-sena 2008. Fil-qosor il-Perit kien ikkostata li l-ilma verament kien dahal mill-proprejta’ tal-konvenuti li kienet qed tigi zvilippata u li kienet tinsab biswit id-dar tal-atturi, u li dak iz-zmien kienet ghadha fi stat ta’ gebel u saqaf, u li ghalhekk ma kenitx adegwatament protetta mill-possibilta’ ta’ dhul ta’ ilma. Il-Perit ikkostata wkoll li minhabba dan l-ingress ta’ ilma kien hemm hsara fis-suffett kif ukoll fis-sistema tal-elettriku. Huwa ma semmiex xi hsarat ohra fix-xhieda tieghu.

Il-Perit xehed li kien accede ghall-proprjeta’ tal-konvenuti u li minn hemm ikkonferma li l-ilma kien dahal mill-appogg mikxuf (li kien ghadu gebel u saqaf) fuq in-naha fejn kienu qedin jizviluppaw il-konvenuti. Skond il-Perit huwa kellem lill-konvenut li kien talbu stima tad-danni, u dawn fil-fatt kienu gew mghoddija lilu. Dawn l-istimi kienu tnejn, u cioe stima sabiex jinbidel is-suffett kollu peress li ma setax jitqabbel ma dak li kien hemm qabblu, fl-ammont ta’ €320.26, u stima ghal xi xoghol ta’ elettriku li kellu bzonn isir fl-ammont ta’ €137.42. Il-Perit kien fil-fatt kiteb lill-konvenut u talbu sabiex jikkonferma li dawn l-istimi kienu ser jithallsu minnu izda ma sema’ xejn u ma rceva l-ebda konferma da parti tal-konvenut dwar dan. Skond il-Perit l-istimi kienu ragjonevoli u gustifikati.

Il-minn-naha taghha l-attrici xehedet dwar kif kien dahal l-ilma fid-dar taghhom u dwar il-hsarat li kienu sehhew. Skond hi, kellha xi rcevuti ohrajn barra dawk li semma l-Perit peress li kellha xi tiswijiet ohra li kellha taghmel. Hafna minn dawn l-ircevuti skond hi kienu intilfu izda kellha tnejn fl-ammont ta’ €142.77 u ohra ghall-ammont ta’

€5820 – li suppost kellu jitnizzel bhala €582. Dawn iz-zewg ircevuti pero ma tantx spjegat ta’ x’hiex kienu.

L-attrici spjegat ukoll li l-konvenuti qatt ma kienu dahhlu god-dar taghha peress li meta kelmet lill-konvenut huwa kien pastaz hafna maghha, u uza kliem hazin u allura ma kienx il-kaz li jkun hemm izjed kuntatt bejn xulxin.

Illi minn-naha taghha l-konvenut tichad li l-hsarat in kwistjoni graw minhabba li dahal l-ilma mill-proprjeta’ taghhom li kienet qed tigi zviluppata, ghal gol-proprjeta’ tal-atturi. Din tghid hekk peress li kif inbena l-post skond hi dan kien impossibbli. Fil-fatt skond il-konvenuta l-ilma seta’ dahal biss minn ventilatur li l-atturi kellhom fil-hajt taghhom.

Il-konvenuta lmentat ukoll li hija ma kellhiex access ghad-dar tal-atturi u ghalhekk ma setghetx tara b’ghajnejha f’hiex kienu jikkonsistu l-hsarat, u b’hekk l-ammont mitlub mhuwiex dovut.

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni, dan it-Tribunal wasal ghas-segwenti konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet.

Fl-ewwel lok, fin-nuqqas ta’ xi provi teknici li b’xi mod jistghu jikkontradixxu dak li xehed il-Perit Michael Falzon, dan it-Tribunal jidhirlu li ghandu jistrieh fuq dak li xehed hu dwar il-kawza tal-hsarat, u dwar kif u ghaliex dahal l-ilma fil-fond tal-atturi. Il-konvenuti ma resqu l-ebda prova li ghandha twassal dan it-Tribunal sabiex jiskarta dak li kkonferma l-perit Falzon, u zgur li ma jhossx li ghandu jistrieh fuq dak li xehedet il-konvenuta dwar il-kawza ta’ l-ingress ta’ l-ilma minnflok dak li ra b’ghajnejn il-perit.

Illi ghalhekk fir-rigward tar-responsabbilta’ tad-danni, dan it-Tribunal jikkonkludi li ma hemmx dubbju li dawn graw minhabba ingress ta’ ilma minn-naha tal-proprjeta’ tal-konvenuti ghal gol-proprjeta’ tal-atturi.

Illi mbaghad fir-rigward tal-kwantum tad-danni, huwa car li ‘*a tempo vergine’*, dawn il-hsarat kienu specifikament dawk li kellhom x’jaqsmu mas-suffett u ma xi problemi fis-

sistema tal-elettriku. Il-perit ma semma l-ebda hsarat ohra la fit-television u lanqas xi haga ohra, u ghalhekk it-Tribunal ma jidhirlux li l-hsarat li semmiet l-attrici oltre dawk imsemmija mill-perit ghandhom jigu kkunsidrati. Fl-ewwel lok, l-attrici ma kenitx cara dwar x’kienu proprjament dawn id-danni, u fit-tieni lok dawn l-ircevuti, apparti li huma strambi u juru ammonti li ma jirriflettux dawk mitluba, mid-dati taghhom ma jidhrux li kienu konnessi ma l-incident de quo.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ser jillikwida d-danni strettament fuq dawk iz-zewg stimi li semma l-perit fix-xhieda tieghu u fl-ittra tieghu mibghuta lill-konvenuti, u cioe l-ammont ta’ €320.26 u ta’ €137.42 li b’kollox jammontaw ghal €457.68. Dan l-ammont kien l-ammont li kien intalab mill-konvenuti mill-ewwel u li huma ghazlu li ma jhallsux, u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex issa m’ghandhomx ibghatu wkoll l-ispejjes ta’ din l-istanza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, u jilqa t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, biex b’hekk jilqa t-talba attrici biss limitatament billi jikkundanna l-konvenuti jhallsu l-atturi is-somma ta’ erba mija u seba u hamsin ewro u tmienja u sittin ewro (€457.68). L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------